# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 16 t'Ottubru 2023

**Rik. Med. Nru : 241/2018 JPG**

**Kawza Nru 18**

**DG f'isimha propju kif ukoll**

**Bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri**

**E u I**

**Vs**

**JD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DG datat 13 ta' Settembru 2018 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti u l-intimat kienu f'relazzjoni mill-liema relazzjoni twieldu l-minuri E u I liema tfal gew rikonoxxuti mill-missier l-intimat kif jidher mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri hawn annessi u immarkati bhala Dok A u B;*

*Illi minhabba l-fatt li r-relazzjoni ta' bejniethom, ghal diversi ragunijiet, ma baqghetx aktar possibbli, l-istess partijiet ghazlu li jiffirmaw kuntratt/skrittura privata biex jirregolaw legalment il-kwistjonijiet ta' kura u kustodja kif ukoll manteniment skond il-kuntratt/skrittura li giet debitament awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' Gunju 2008 Dok C;*

*Illi fl-istess ftehim, f'klawsola tnejn (2) bil-klawsola tlieta (3) allacjat maghha, l-missier konvenut intrabat li jhallas Euro (€70) .... fil-gimgha ghaz-zewg minuri, pagabbli lill-omm, bhala manteniment ghat-tfal E u I fejn il-manteniment "... ikun pagabbli kull nhar ta' Gimgha fi flus kontanti."*

*Illi di piu a tenut ta' klawsola hamsa (5) l-konvenut kien obbliga ruhhu ".. li jhallas lill-omm nofs l-ispejjez straordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri u dan wara li tingab prova ta' l-ammont u n-natura ta' l-ispejjez involuti .... salv ghal spejjez li huma fin-natura taghhom necessarji", liema haga l-konvenut qed jonqos kontinwament tant li anki nqala' inkwiet bejn il-partijiet.*

*Illi skond klawsola erba' (4) hemm indikat li l-manteniment ghandu jkompli anki f'kaz li ".... fl-eventwalita li t-tfal wara li jaghlqu t-tmientax (18) -il sena ikomplu jistudjaw, il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm itemmu l-istudju taghhom..." f'liema klawsola m'hemmx riferenza sakemm il-minuri jkomplu jistudjaw fuq bazi "full time" sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) liema haga ma tinkludiex xoghol konness mal-istudji tal-minuri jew "summer jobs" jew impjieg "part-time", liema obbligu ghandu jestendi ukoll ghall-ispejjez kollha necessarji li ghandhom x'jaqsmu ma' l-istudju.*

*Illi l-minuri qed* ***jikbru*** *w l-****bzonnijiet*** *taghhom qed* ***jizdiedu*** *kontinwament. Illi din nonostante, l-istess konvenut qed jara kif* ***inaqqas l-obbligi*** *tieghu, specjalment finanzjarji w b'mod* ***unilaterali w****/jew* ***jahrab*** *minnhom. Illi dan qed jirrizulta mill-fatt li* ***m'hux biss*** *qed jonqos milli jhallas l-ammont ta' manteniment kif suppost, imma qed jonqos anki milli jhallas* ***nofs*** *l-ispejjez dovuti ghall-edukazzjoni, is-sahha ecc, fosthom ghas-sena* ***2017*** *kif ukoll ghal din is-sena* ***kurrenti 2018 li sallum lahqu, s'issa ghas-somma totali ta' erba telef hames mija w erbghin Euro u erba w sittin centezmu - €4,540.64*** *– u/jew* ***somma verjuri*** *liema somma qed tizdied kontinwament. Illi biex ikompli jikxef l-intenzjonijiet tieghu biex jahrab mill-obbligi tieghu, b'mod irresponsabbli, anki azzarda jissugerixxi, tramite, l-konsulent legali tieghu li "....ghandu* ***dubbji serji*** *jekk fil-fatt huwiex il-missier naturali taz-zewg minuri u ghaldaqstant jehtieg li* ***jikkjarifika*** *l-parentela naturali taz-zewg minuri......" bl-isem* ***E*** *u* ***I*** *bil-kunjom* ***Dimech*** *liema ezitu* ***<u>irrizulta fil-konferma li hu kien fil-fatt il-missier naturali taghhom</u>****:* ***Dok. 'D'****,* ***'E'****,* ***'F'*** *u* ***'G'.***

*Illi di piu m'hemm ebda riferenza biex tigi kalkolata wkoll* ***l-gholi tal-hajja*** *mas-suespost, biex b'hekk kollox baqa'* ***statiku*** *minn meta gie iffirmat il-ftehim* ***originarjament*** *kif debitament ezibit u dan apparti mill-fatt li l-istess konvenut qed* ***jirrifjuta*** *li jhallas l-manteniment kif miftiehem kif ukoll is-sehem dovut minnu ghall-ispejjez inkorsi sija ghas-sena* ***2017*** *u ta' din is-sena kurrenti ta'* ***2018****.*

*Illi saru* ***diversi tentattivi*** *mal-konvenut sabiex jigi l-affarijiet* ***jittrangaw*** *u biex jigi* ***varjat*** *il-ftehim*

*biex **jirrifletti** l-bzonnijiet odjerni tal-minuri li ghandhom x'jaqsmu mal-**manteniment** kif ukoll spejjez **tas-sahha**, **edukazzjoni** u **affarijiet extrakurrikulari** liema tentattivi ma kellhom **ebda ezitu** posittiv: **Dok. 'H'**.*

*Illi di piu kien gie **dikjarat** minn naha tal-konvenut li ma kellu **ebda hsieb ibiddel** il-ftehim, jigri x'jigri, w li biex b'hekk baqa' **intransigenti** ghal kollox, anki b'sens ta' **glied**, imma jrid izomm ferm id-drittijiet tieghu.*

***Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenta umilment titlob li, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-***

1. ***Tiddikjara** illi c-cirkostanzi kif premessi huma tali li l-attrici hi intitolata titlob ghar-**revizjoni** tal-**manteniment** tat-tfal li ghandu **jizdied** biex **jirrifletti** r-realtajiet finanzjarji tallum kif ukoll **timponi** li jigi kalkolat wkoll **l-gholi tal-hajja** li tigi imhabbra kull sena li ghandha tigi kalkolata minn meta gie iffirmat il-ftehim **originarjament**, u/jew data ohra dejjem ghad-diskrezzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li tidhrilha xierqa;*

2. ***Tiffissa** r-rata l-gdida ta' manteniment taz-zewg ulied li ghandha tithallas bil-modalitajiet li tiffissa dina l-Onorabbli Qorti;*

3. ***Tiddikjara** li l-konvenut ghandu jirrifondi w b'hekk jillikwida mill-inqas nofs l-ammont tas-somma indikata ta' erba telef hames mija w erbghin* Euro *w erba w sittin centezmu - **€4,540.64** – u/jew somma verjuri kif ukoll **l-infieq addizzjonali** li gew u qed jigu inkorsi a beneficcju tal-minuri ulied il-partijiet favur l-esponenta ghas-sena **2017** u ghas-sena kurrenti ta' **2018** u dan skond **il-prospett** li ghandu jigi esibit fil-mori tal-kaz;*

4. ***Tikkundanna** lill-konvenut ihallas il-**manteniment** hekk iffissat kif ukoll jirrifondi nofs l-ispejjez inkorsi mill-esponenta ghas-sahha, edukazzjoni w affarijiet extrakurrikulari kif gja spjegat u l-gholi tal-hajja kif mitlub u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

***Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni b'rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attrici.***

Rat illi d-digriet taghha u r-rikors gew debitament notifikati lill-intimat,

Rat ir-risposta tal-intimat (Vide Fol 23) datata 29 t'Ottubru 2018 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet sussegwenti, l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti in kwantu tirrigwardja l-ewwel 1), it-tieni (2) u r-raba' (4) talbiet tar-rikorrenti hija guridikament improponibbli billi r-retta alimentari ghall-minuri kien diga ffissat bi ftehim mal-istess rikorrenti permezz ta' skrittura datata tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), liema skrittura giet awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u per konsegwenza japplika l-principju 'pacta sunt servanda';*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, l-azzjoni intavolata hija n-nulla kif intavolata, stante li dawn il-proceduri kontenzjuzi saru minghajr il-prerekwizit process mandatarju ta' medjazzjoni kif stipulat mill-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 u cioe' ir-Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) tant li qatt ma kien hemm talba sabiex ikun hemm xi awment fil-manteniment;*

3. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti fir-rigward l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) talbiet tar-rikorrenti, tali talbiet ma jistghux jintlaqghu u tali talbiet ma jregghux, stante li ma hemm ebda talba ghall-varjazzjoni fl-iskrittura tat-12 ta' Gunju 2008, awtorizzata fl-20 ta' Gunju 2008, liema skrittura hija ligi bejn il-partijiet;*

4. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ma hiex kompetenti rationae materiae sabiex tisma din it-talba;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti fir-rigward l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) talbiet tar-rikorrenti, tali talbiet huma infondati fil-*

*fatt u fid-dritt stante li ma saret ebda bidla fic-cirkostanzi li jistghu jincidu fuq il-manteniment;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti fir-rigward tat-tielet (3) talba, tali talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ebda ammont ma huwa dovut;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, r-rikors promotur huwa mizghud b'allegazzjonijiet inveritieri kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Novembru 2018, il-Qorti gharfet li jkun ghaqli li l-eccezzjonijiet preliminari jigu kollha ndirizzati f'sentenza finali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi n-nota ta sottomissjonijiet tardiva l-intimat;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet nhar is- 16 ta' Jannar 2019, (vide fol 31 et seq)*** u spjegat illi l-manteniment versat mill-intimat kien jigi depozitat gewwa kont bankarju. Tixhed illi kien hemm drabi fejn l-intimat ma kienx qieghed jivversa l-ammont kollu miftiehem u kien qieghed jaghtiha inqas. Tispjega illi kien hemm dizgwid rigward ix-xirja tal-*istationary* fil-bidu tas-sena skolastika, fejn l-intimat riedha li tghaddilu l-affarijiet mixtrija sabiex huwa jkun jista jqabbel dawna l-affarijiet mal-ircevuta relattiva. Illi wara dan id-dizgwid, l-intimat waqaf milli jhallas nofs l-ispejjes tal-iskola u ta'sahha. Izzid illi kien hemm xi attivitajiet tat-tifla li kienu ukoll jithalsu minnu jew minn

missier l-intimat u cioe in-nannu patern, izda imbaghad meta waqaf ihallas bdiet thallashom l-attrici.

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 39 et seq)*** u spjegat illi mir-relazzjoni taghha mal-intimat huma kellhom zewgt itfal, E u I. Illi tul ir-relazzjoni taghhom u anke wara li ntemmet ir-relazzjoni, kienet dejjem hi li hadet hsieb lit-tfal, filwaqt li l-intimat ftit li xejn kien jaghti kashom. Qatt ma ha interess jipprova jghinhom fil-homework, jew jinvolvi ruhhu fl-affarijiet taghhom. Tispjega illi l-access kien wiehed sporadiku u l-intimat kien imur ghat-tfal minghajr preavviz. Tixhed illi l-intimat kellu problema tad-droga u kien anke jixrob regolarment, filwaqt li hi kienet biss a *social drinker*. Izzid illi l-flus min dejjem kienu problema, tant illi meta fethet il-medjazzjoni sabiex ikun hemm revizjoni tal-kundizzjonijiet fir-rigward l-obbligu finanzjarji tieghu, wara tant snin, ried li jsiru t-testijiet genetici necessarji sabiex tigi stabbilita l-paternita. Tirrileva illi filwaqt li l-intimat hassha difficli sabiex jizdied il-manteniment ghall-uliedu, ma kellu l-ebda problema li jonfoq il-flus sabiex isiru dawna t-testijiet. Illi kif appena it-tfal saru jafu b'dan huma hadu ghalihom. Tispjega illi l-intimat naqas milli jhallas sehemu mill-ispejjes skolastici mill-bidu tas-sena 2017, b'dana illi lanqas ma kien qieghed jonora l-kundizzjonijiet tal-ftehim, ghaliex minkejja li kien obbliga ruhhu li jhallas EUR 70 fil-gimgha, kien qieghed jivversa ammont inqas. Illi mid-19 ta' Ottubru 2018, l-intimat rega' beda jhallas is-somma ta' EUR 70 fil-gimgha.

***L-intimat in subizzjoni nhar l- 20 ta' Mejju 2019, (vide)*** jikkonferma illi kien sar ftehim bejnu u bejn l-attrici fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri u l-manteniment. Il-konvenut jikkonferma illi huwa kien obbliga ruhhu jhallas is-somma ta' EUR 70 fil-gimgha. Mistoqsi minn meta beda jhallas dana l-ammont, l-intimat jindika illi huwa ma jafx bil-preciz, pero huwa kien minghalih li kienu ftehmu bejnithom li kellu jivversa s-somma ta' EUR 250, illi pero, l-attrici regghet fethet medjazzjoni u kien intqal illi is-somma mifthem kienet EUR 70 fil-gimgha u illum qieghed ihallas propju EUR 70 fil-gimgha. Illi pero' din is-somma fl-ammont ta' EUR 70 fil-gimgha, beda jhallasha recentement. Illi apparti l-manteniment kien hemm ukoll il-hlasijiet tal-iskola, u dawk tas-sahha. Jispjega illi dawn l-ahhar snin, l-attrici ma kienixt qieghda tghaddilu kontijiet, u hu ma kienx qieghed imur ghat-tfal peress li ma rieditx tatihomlu. Illi kienu saru proceduri sabiex huwa jara lit-tfal u kien rebahom, pero kienu dejjem jispiccaw bil-glied, u kienet taghtih it-tfal saghtejn jew tlieta tard.

Jikkonferma illi qatt ma fetah proceduri ohrajn ghaliex ma felahx ghall-piz finanzjarju. Jispjega ukoll illi meta kienet tghaddilu xi karti ghal hlas, dawn ma kienux ikunu spjegati sew, u meta

talabha sabiex taghtih ftit hin sabiex jara l-affarijiet tieghu, l-attrici rrifjutat u ma hallitux jiccekja l-affarijiet.

***L-attrici permezz ta' affidavit iehor (vide fol 58 et seq)*** spjegat illi ghas-snin 2019, 2018 u 2017, l-intimat rrifjuta milli johrog sehemu fir-rigward tal-ispejjes edukattivi, ta'sahha, u tal-attivitajiet extra-kurrikulari ta' uliedhom. Illi l-intimat kien qieghed jivversa biss is-somma ta' EUR 70 fil-gimgha li bdew jigu depozitati minn 19 ta' Ottubru 2018. Illi qabel l-intimat kien qieghed jivversa s-somma ta' EUR 250 fix-xahar flok is-somma ta' EUR 280 fix-xahar u ghalhekk kien qieghed iqarraq b'EUR 30 kull xahar.

***L-attrici in kontro ezami nhar is- 27 ta' Jannar 2021 (vide fol 265 et seq)*** tikkonferma illi meta hi u l-intimat infirdu, it-tifla kellha erba' (4) snin u t-tifel kellu sentejn u dak iz-zmien kienu jmorru ic-childcare u l-intimat qatt ma wera interess fl-activities li kienu jgibu maghhom ghad-dar mic-childcare. Tichad illi meta kienu ghadhom flimkien, l-intimat kien imur maghha u mat-tfal il-bandli, u tispjega illi meta kienet tlesti lit-tfal nhar ta' Hadd biex johorgu flimkien, l-intimat kien jigi fis-sakra jew taht l-effett tad-drogi. Tikkonferma illi kien l-intimat li kien jahdem u hi ma kienitx tahdem u kienet tkun dejjem m'ommu ghaliex lanqas karozza ma kellha. Tichad li meta l-intimat kien jigi lura mix-xoghol ma kienx isib l-ikel lest tant li kienet thallih rieqed fil-kamra mat-tfal mal-lejl waqt li hija tnaddaf u tippreparalu l-ikel ghax-xoghol. Tinnega illi hekk kif infirdu, hija ma kienitx tkun trid takkordalu access ghat-tfal. Anzi kienet dejjem icempilu ilghaliex it-tifla dejjem kienet tkun imbikkija ghaliex kienet tkun trid lil missierha, u kien accetta li jiehu lit-tifla. Meta imbaghad it-tifel ried imur ukoll, l-intimat kien qalilha li kien ghadu zghir u kien hemmhekk li hija qaltlu jew johodhom it-tnejn f'daqqa inkellha ma jiehu lil hadd.

Tishaq illi l-intimat qatt ma kien jaghtiha hin fiss u ghalhekk ma setghax jippretendi li kif jigi ser isibhom lesti lit-tfal. Tishaq li l-intimat qatt ma kien jiftiehem maghha fuq hinijiet tal-access. Tinsisti illi t-tfal dejjem riedu lill-missierhom pero' wegghu meta ma gewx mistiedna jew infurmati bit-tieg ta' missierhom. Tispjega illi l-ahhar darba li rahom kien dakinhar li hija tilfet il-proceduri kriminali dwar l-access, fejn kien mar ghalihom mal-mara tieghu li dak iz-zmien kienet ghadha t-tfajla tieghu, minkejja li kien jaf li t-tfal ma jaqblux maghha.

Tispjega illi t-tfal ihossuh in-nuqqas ta' missierhom, pero mhumiex disposti li jcemplulu wara li huwa ma stidinhomx jew lanqas biss infurmahom bit-tieg. Izzid illi kif l-intimat beda r-relazzjoni tieghu ma' dik li llum hija martu, bdew il-problemi. Meta t-tifla kienet uriet ix-xewqa li jkollha hin wahedha mieghu, ma kienx accetta ghaliex ma riedx li joqghod maghhom minghajr it-tfajla

tieghu, u ghalkemm fil-bidu kellhom relazzjoni tajba maghha, is-sitwazzjoni ma baqghetx l-istess. Tixhed illi l-intimat qatt ma ta kashom lit-tfal, ghajr meta kien ikun *single,* fejn kien johodhom il-bahar.

L-attrici tirrileva illi hija ma tara xejn hazin billi tiehu lit-tifla f'bar dimend li hija tkun prezenti maghha. Tispjega illi dakinhar kien hemm xi marc f' Bormla, u it-tifla ghaddiet minn hdejn ommha u hadu ritratt flimkien.

Tixhed illi hi kienet taghmel tajjeb ghall-ispejjes tat-tfal permezz tal-beneficcji socjali li kienet tippercepixxi u ghalkemm l-intimat kien jghaddi l-manteniment, qatt ma kien jghaddi l-ammont shih miftihem izda kien jghaddi manteniment fl-ammont ta' EUR 250 fix-xahar u cioe tletin ewro inqas minn dak stipulat fil-kuntratt. Izzid illi qatt ma kien hemm zieda fl-ammont tal-manteniment sabiex jaghmel tajjeb ghal gholi tal-hajja u dana minkejja li iktar ma bdew jikbru t-tfal aktar bdew jizdiedu l-ispejjes. Tispjega illi finanzjarjament ma setghatx tiftah proceduri l-Qorti minhabba l-manteniment u filfatt minn meta fethet dawn il-proceduri, l-intimat qieghed jivversa is-somma ta' EUR 70 fil-gimgha.

Tammetti illi meta fethet il-proceduri ta' medjazzjoni, hija kienet insiet li tghid lill-avukat taghha li diga kien hemm kuntratt li kien gie ffirmat bejnha u l-intimat pero' l-intimat ma riedx li jilhaq ftehim maghha sabiex jigi awmentat il-manteniment minkejja li hija xtaqet li l-kuntratt jigi rrangat. L-attrici tinnega illi l-intimat hallas ghall-iskola sajf, u dana peress li hadd mit-tfal qatt ma mar.

Tikkonferma illif ilwaqt li t-tifla kienet thobb tistudja u anke kien iwassalha ghall-privat l-intimat, it-tifel ma jridx jaf bi skola. Tixhed illi illum it-tifla qieghda tahdem ghalkemm ilha biss ftit xhur pero' xorta wahda ghadu jigi versat manteniment ghaliha. Muriha *screenshots* ta' *posts* miktuba mit-tifla dwar *eyelash extensions,* l-attrici tirrileva illi dak iz-zmien ma kienitx ghadha bdiet tahdem imma kienet ghaddejja bil-korsijiet.

***L-attrici riprodotta in kontro-ezami nhar it-8 ta'Novembru 2021 (vide fol 309 et seq)*** spjegat illi tichad li t-tfal qatt offendew lill-missierhom quddiemha u mhux minnu li it-tfal kienu jirrepetu il-kliem taghha lill-intimat missierhom. Hija tinsisti illi dejjem kienet theggighom biex imorru mieghu ghall-access izda kienu t-tfal li ma kienux ikunu jridu jmorru ghall-access. Izzid illi kellha diversi argumenti mal-intimat fejn huwa offendiha u hi offenditu lura , u peress li t-tfal dejjem maghha, kien hemm drabi fejn gieli semghuha titkellem b'mod mhux xieraq. Tinsisti illi meta l-

intimat kien icempel u kienet tinstema tghid lit-tifel biex jaqta' l-linja, dan id-diskors kienet tghidu ghaliex kien ikun hemm xi sitwazzjoni partikolari. L-attrici tikkonferma illi eventwalment l-access spicca biex kien wiehed supervizjonat. Mistoqsija dwar il-fatt li l-intimat ma kienx stieden lill-uliedu ghat-tieg tieghu, l-attrici tishaq illi minkejja li kien hemm l-ordni li l-access ikun wiehed supervizjonat, l-intimat seta' staqsa jew informa lill-uliedhom bit-tieg u jikkonferma maghha fuq x'setghu jaghmlu biex mhux it-tfal isiru jafu li missierhom ser jizzewweg minghand il-barranin. Tishaq illi l-intimat qatt ma cempilhom la fil-Milied, u lanqas fil-*birthdays* taghhom.

Rigward l-infieq u l-ircevuti relattivi, l-attrici tirrileva illi l-intimat pretenda li tiehu l-affarijiet kollha li xtrat lill-minuri ghall-iskola ghand ommu sabiex iqabbel dak li xtrat mal-lista u l-ircevuta. L-attrici tishaq illi kienet offriet li tibghatlu ritratt tal-ircevuta izda l-intimat ma riedx. Tikkonferma illi minkejja li t-tifla qieghda tahdem l-intimat ghadu jghaddi l-istess manteniment u hafna mill-korsijiet li ghamlet it-tifla, thallsu kollha minn but it-tifla. Tixhed illi mhux minnu li hi ma tghaddix ir-ricevuti lill-intimat biex ihallas sehmu, u tispjega illi fir-rigward tal-ircevuti li hemm in atti, l-intimat naqas milli jaghtiha nofshom. Izzid illi qabel ma iltaqgha mal-mara tieghu, l-intimat dejjem kien ihallas sehmu mill-ispejjes relattivi. Tinsisti illi ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn it-tifel ma gabx ruhu sew l-iskola, huwa jixtieq li jkompli jistudja fuq il-linja tieghu u cioe dik li tirrigwarda *mechanic*, *spraying* u *welding*. Tishaq illi it-tfal dejjem rieduh lill-missierhom specjalment qabel huwa zzewweg.

***Mario Dimech, missier l-intimat xehed permezz ta' affidavit (vide fol 322 et seq)*** u spjega illi l-attrici ghamlet sentejn toqghof fir-residenza tieghu flimkien ma' ibnu u kemm damet hemm qatt ma kienet taghmel xejn u dejjem kienet il-mara tieghu li kienet tiehu hsieb kollox inkluz l-ikel ta' ta' ibni u tal-attrici. L-attrici kienet tqatta' l-granet taghha barra. Meta imbaghad marru joqghodu Wied il-Ghajn, u kellhom it-tfal, hu u martu dejjem baqghu jistmawhom u anke jitmawhom u anke kienu jmorru jixtrulhom il-hwejjeg ghaliex l-attrici qatt ma kienet tiehu hsieb tixtrilhom hi. Wara li l-attrici telqet lill-ibnu u marret toqghod Bormla, ibnu u anke hu xorta wahda marru jaghmlulha xi xoghlijiet fix-xorok u anke kien ghamilha xi xoghol ta' *plumbing*.

Jixhed illi ta' spiss kienu jwasslu lit-tfal ghal-attivitajiet taghhom, u minkejja li l-attric kienet tghid li ma kellihiex flus ghal-*petrol*, gieli rawha tixrob fi hwienet tax-xorb. L-ahhar li raw lit-tfal kien ftit wara li l-attrici instabet hatja li kienet qieghda ccahhad lill-ibnu mill-access, pero' dakinhar it-tfal ma kellmuhomx. Izid illi huwa jaf li l-ibnu qatt ma hallha lit-tfal neqsin minn xejn u meta kellu diffikulta biex ihallas il-manteniment kienu ghenuh huma biex zgur it-tfal qatt ma jkunu nieqsa minn xejn.

***L-intimat xehed permezz ta'affidavit (vide fol 324 et seq)*** u spjega illi mir-relazzjoni tieghu mal-attrici huma kellhom zewgt itfal, E u I. Wara li kellhom lit-tifla huma kienu marru joqghodu Wied il-Ghajn go appartament li kien jappartjeni lilu. Sakemm dam flimkien, l-attrici qatt ma hadmet, u ghalkemm qatt ma kienu mizzewgin, dejjem mantniha hu, pero ma kienixt taghmel facendi d-dar, u lanqas ma kienet issajjar. Dak iz-zmien huwa kien jahdem fil-gebel u meta kien imur lura d-dar qatt ma kien isib ikel lest, fl-istess hin kienet tigi l-attrici lura minn barra, ghaliex kienet taghmel gurnata barra u x'hin tasal lura d-dar kienet tmur torqod mat-tifla.

Jispjega illi hu kien jibda jsajjar u sakemm kien isir l-ikel, kien anke jmur jaghmel xi xoghol fl-postijietta' fuqhom li kienu ta' missieru. Lanqas *lunch* ghax-xoghol ma kienet taghmilu, u filfatt kienet ommu li kienet tippreparalu l-*lunch* ghax-xoghol u anke tahsilu l-hwejjeg. Jixhed illi kemm hu u kif ukoll l-attrici kienu qabdu triq hazina, izda meta twieled it-tifel hu kien waqqaf il-vizzijiet hziena kollha izda l-attrici ma kienitx ghamlet l-istess. Meta t-tifel kellu sena, l-attrici kienet telqet mid-dar bil-glied, tant li refghet idejha fuqu u anke kissret is-sodda tat-tifel bit-tifel go fiha. Dak iz-zmien kien qabadha taqlibilu ma ragel iehor. Wara li telqet ma kienitx qieghda thallih jara lit-tfal. Izid illi qabel ma saru l-kuntratt lanqas flus ghall-manteniment ma riedet taccetta minghandu tant li darba minnhom waddbithom fit-triq.

Illi eventwalment kien sari l-kuntratt u kienu qablu illi huwa ser jivversa mantemiment ta' Eur 70 fil-gimgha ghaz-zewgt itfal li kienu jinkludu l-ispejjes ordinarji tal-edukazzjoni u sahha. Rigward dawk straordinjarji kienu qablu li jrid ikun hemm il-kunsens tieghu qabel taghmilhom u fl-eventwalita li jaghti l-kunsens tieghu, dawna jinqasmu nofs bin-nofs. Jishaq illi dejjem kellu relazzjoni tajba ma' uliedu, ghajr dan l-ahhar snin, meta it-tifla bdiet tikber u beda jzommilha id-dixxiplina u kienet tiribella mieghu. Jispjega illi ta' tlettax (13) – il sena it-tifla bdiet tilbes skullat u qasir hafna, u ghalkemm hu kien jipprova jzommilha, ommha kienet twaqqalu kelmtu.

L-attrici filfatt kienet baqghet tixrob u anke taghmel uzu minn sustanzi illeciti, anke ftit qabel ma kien ikollha tmur tigbor lit-tfal mill-iskola, jew anke kienet thalli lill-minuri rieqdin fil-karozza u tmur tixorb go bar. Illi eventwalment bdiet relazzjoni ma certu OC, li ukoll kellu vizzijiet hziena, u ghalhekk is-sitwazzjoni qatt ma setghet tmur ghall-ahjar. Illi l-attrici ghandha tifel minghand C, D. L-attrici kienet thalli lit-tifla tmur *teen parties* minn wara daharu u dan minkejja li kien ikollha *punishment*, u anke kienet tohodha maghha go *bars* tax-xorb. Illi t-tifel kien ikollu jmur ghalih u jwasslu hu l-muzew u dan minkejja li kien vicin hafna ta' fejn toqghod l-attrici.

Jixhed illi lit-tfal kien xtralhom tliet (3) televisions, tliet (3) playstations, zewg mobile phones kull wiehed, zewg laptops, rota fost ohrajn.

Illi eventwalment huwa beda relazzjoni mal-mara presenti tieghu, B, u fil-bidu it-tfal kellhom relazzjoni tajba maghha. Illi kien hemm okkazzjonijiet fejn kien semgha lit-tfal jghidu illi kienu kielu biss *mentos*, jew li kienet it-tifla li ghamlet *noodles* lit-tifel ghaliex l-attrici kienet il-kazin. Illi kien hemm drabi fejn it-tifel kien jitolbu jixtrilu xi haga zejda tal-ikel biex johoda mieghu mid-dar. Illi eventwalment hadd mit-tfal ma baqa jmur ghall-access; it-tifla waqfet tmur wara li kien inqala incident bejn l-ahwa u l-attrici spiccat toffendi lill-intimat u lil martu mill-gallarija. Illi wara proceduri kriminali fejn l-attrici instabet hatja li kienet qieghda ccahdu mill-access il-minuri kienu regghu marru ghall-access izda dakinhar it-tifla b'certu arja kienet qaltlu li qieghda hemm b'rispett ta' ommha, u filfatt waqt li kienu qieghdin isuqu fit-traffic, it-tfal qabdu u nizlu mill-karozza u allegaw mal-pulizija li l-intimat refa' jdejh fuq it-tifla. Illi sussegwentement kien hareg digriet fejn huwa seta' jara lit-tfal biss taht supervizjoni.

Jishaq illi kien talab id-DNA tat-tifel ghaliex sa minn qabel ma twieled it-tifel, huwa kien sopra li l-attrici kellha relazzjoni ma terzi. Jinsisti illi l-attrici qatt ma qaltlu li kellha xi problema bl-manteniment u lit-tfal qatt ma hallihom nieqsa minn xejn u kien anke johodhom ghand it-tabib u anke ghand id-dentista. Illi minkejja li kien hemm maqbul fil-kuntratt illi kellu jintalab il-kunsens tieghu qabel tagheml cetru spejjes, l-attrici qatt ma talbet il-kunsens tal-intimat. Izid illi minkejja li id-dhul tieghu ormai naqas, huwa xorta baqa jaghtiha l-manteniment ghat-tfal.

***Juliet Galea, xehdet nhar it 2 ta' Gunju 2022 (vide fol 347 et seq)*** u spjegat illi hija *guidance teacher* u tiehu hsieb il-program RAY, ghall-liema program qieghed jattendi iben il-partijiet. Tixhed illi l-attendenza tat-tifel fl-iskola hija wahda regolari, pero fil-bidu kien hemm certu diffikulta biex jaghmel certu hin bilqeghda, u kien ghalhekk li gie introdott ghal dan il-program fejn dak li jkun qieghed jigi mghallem l-iskola jigi ravvizat *b'employment experience* taht il-kappa tal-iskola. L-iskola tofri suggetti vokazzjonali bhal *mechanics, hairdressing, beauty* kif ukoll is-suggetti primarji. Ix-xhud tikkonferma illi it-tifel lahaq il *basic reading* u *writing skills* anke fejn jidhol l-applikat fejn qieghed jaghmel xoghol ta' *mechanic*, filfatt l-*experience provider* jixtieq li wara l-iskola it-tifel ikompli mieghu. Tispjega illi dawn l-istudenti jieqfu fil-livell ta' Form 4 u l-ahhar sena issir that il-kappa ta' dan il-programm. Tikkonferma illi fil-bidu ta' dawn il-korsijiet il-genituri irridu jahsbu ghas-*safety gear* necessarju skond il-kors li jkun ghazel l-istudent.

***Louis Buhagiar rapprezentant Jobs Plus, xehed nhar it 2 ta' Gunju 2022 (vide fol 349)*** u prezenta d-dokumentazzjoni relattiva ghall-partijiet.

***Stefania Calafato Testa, assistant registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali xehdet nhar it-2 ta' Gunju 2022 (vide fol 350)*** u esebiet kopja tas-sentenza datat 2 ta' Mejju 2022.

***JD in kontro-ezami nhar it-28 ta' Gunju 2023 (vide fol 378 et seq)*** irrileva illi l-attrici kienet turih il-kontijiet, u cioe l-ircevuti, u huwa kien ihallas is-spejjes relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni ta' uliedhom. Jixhed illi fil-bidu kien ikun jaf x'attivitajiet qieghdin jattendu uliedu, izda imbaghad ma kienx jaf fejn qieghdin jattendu ghaliex kien hemm pejrodu ta' circa tliet (3) snin fejn ma kienux qieghdin jiltaqghu. Jispjega illi llum it-tifla ghandha dsatax (19)- il sena u t-tifel ghandu sbatax (17) – il sena. Izid illi l-ahhar darba li ra lit-tifla kien fil-*birthday* tieghu, u cioe fl 10 ta' Gunju ghaliex haditu jiekol Wied il-Ghajn. Jixhed illi mat-tifel jiltaqa' ukoll, peress li gieli jaqghtalu xaghru, u xi kultant anke johorgu flimkien jew imur mieghu fuq xi bicca xoghol.

Jispjega illi fil-prezent huwa mhuwiex jirriskontra problem fir-relazzjoni tieghu ma' uliedu, pero fil-passat kien hemm okkazzjonijiet fejn kien imur ghalihom u ghalkemm kien jaghmel tlett kwarti jistennihom nizlin, it-tfal ma kienux jinzlu, tant li kien jispicca jitlaq l'hemm. Mur ic-certifikati ta' sensiela ta' korsijiet li ghamlet it-tifla, l-intimat jammetti illi din hija l-ewwel darba li qieghed jiehu konjizzjoni ta' dawn ic-certifikati u jikkonferma illi hu rega beda kuntatt ma' uliedu minn Jannar tas-sena 2023. Izid illi meta rega qabad jiltaqa' ma' uliedu ma kienx jibumbardjahom bil-mistoqsijiet u kien qieghed jerga jibni relazzjoni bil-mod.

***L-attrici DG xehdet nhar it-28 ta' Gunju 2023 (vide fol 384 et seq)*** u spjegat illi ic-certifikati esebiti huma certifikati ta' *beauty courses* li t-tifla ghamlet b'mod privat. Tikkonferma illi fil-frattemp it-tifla kienet qieghda tahdem fuq bazi *fulltime,* pero it-tifla meta bdiet tahdem *full time*, dejjem baqghet tistudja tant li gabet diploma u anke fethet hanut.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi ic-cirkostanzi jinnecessitaw revizjoni tal-manteniment originarjament stipulat fil-ftehim datat 12 ta' Gunju 2008 u awtorizzat mill-Onor Mahllef Noel Cuschieri u dana sabiex il-manteniment jirrifletti ir-realtajiet finanzjarji tal-llum. Illi di piu talbet illi l-konvenut ghandu jirrifondi l-ispejjes li gew inkorsi minnha fis-snin 2017, 2018 u 2019, oltre sehem l-istess konvenut mill-ispejjes

ta'sahha, edukazzjonji u attivitajiet extrakurrikulari.

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-ġenituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***
>
> ***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima, mill-liema relazzjoni twieldu E u I ahwa Dimech u llum ghandhom dsatax (19) u sbatax (17) –il sena rispettivament. Illi mix-xhieda prodotta jidher illi E intraprendiet negozju taghha.

Illi l-partijiet kienu resqu ghall-ftehim bonarju sabiex jirregolaw il-kura, kustodja access u manteniment tal-istess uliedhom  u dana kif jirrizulta mill-ftehim datat 12 ta' Gunju 2008 u awtorizzat mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri anness mar-rikors promotur *a fol 7 et seq* tal-atti.

Il-partijiet kienu qablu kif segwenti:

***2. Il-missier jobbliga ruhhu li jhallas is-somma ta' sebghin ewro (EUR 70) fil-gimgha ghaz-zewg minuri, pagabbli lill-omm bhala manteniment ghat tfal E u I.***

***3. il-partijiet jaqblu li l-manteniment dovut lit-tfal ikun pagabbli kull nhar ta' Gimgha fi flus kontanti.***

***4.il-partijiet jaqblu ukoll l-mantentiment dovut lit-tfal ghandu jibqa' jithallas ghal kull minuri rispettivament ghall-perjodu kollu sakemm:***

***jaghlqu tmintax (18) – il sena; jew***
***jibdew jahdmu***

***skond liema eventwalita tigi l-ewwel. Izda fl-eventwalita li t-tfal wara li jaghlqu t-tmintax –il sena ikomplu jistudjaw, il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm itemmu l-istudji taghhom.***

***5. il-missier jobbliga ruhhu wkoll li jhallas lill-omm nofs l-ispejjes straordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri u dana wara li tingab prova tal-ammont u n-natura tal-ispejjes involuti purche l-missier ikun ta' l-kunsens tieghu sabiex isir tali spiza salv ghal spejjes li huma fin-natura taghhom necessarji.***

*Eccezzjonijiet PrEminari:*

Illi l-konvenut ressaq sensiela ta eccezzjonijiet preliminari fir-risposta guramentata tieghu u cioe: illi in kwantu l-ewwel, it-tieni, ir-raba talba hekk kif dedotti fir-rikors promotur, dawn huma talbiet guridikament improponibbli billi r-retta alimentari ghall-minuri kienet diga ffissata bi ftehim u per konsegwenza japplika l-principju ta' *pacta sunt servanda*.

Illi l-konvenut jecepixxi ukoll illi l-azzjoni hija nulla kif intavolata u dana stante li il-proceduri odjerni saru minghajr il-prekwizit process mandatarju ta' medjazzjoni kif stipulat mill-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tant li qatt ma kien hemm talba sabiex ikun hemm xi awment fil-manteniment.

Jirrileva ukoll illi fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba talbiet, tali talbiet ma jistghux jintlaqghu stante li m'hemm l-ebda talba ghall-varjazzjoni fl-iskrittura u illi din il-Qorti m'ghandiex kompetenza *rationae materia* sabiex tisma' it-tielet talba.

***L-Allegat Nullita' tal-Proceduri:***

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi qabel tezamina l-ewwel eccezzjoni preliminarja hekk kif eccepita mill-konvenut, ghandha qabel xejn tezamina t-tieni eccezzjoni u cioe l-allegat nullita' tal-proceduri odjerni stante li fil-fehma tal-konvenut il-proceduri odjerni saru minghajr il-prekwizit process mandatarju ta' medjazzjoni kif stiuplat mill-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tant li qatt ma kien hemm talba sabiex ikun hemm xi awment fil-manteniment. Illi qabel xejn din il-Qorti tosserva illi huwa l-artikolu 10 tal-Ligi Sussidjarja 12.20 li kellu jigi citat mill-intimat u mhux l-artiklu 9.

Illi l-artikolu 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 jistipula kif segwenti:

> ***10.(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti –***
>
> ***(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom; jew***
> ***(b) manteniment bejn il-konjuġi; jew***
> ***(ċ) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta'separazzjoni personali jew minn kuntratt ta'separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta'divorzju; jew***
> ***(d) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu(a),***
>
> ***dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond ma hemm f'dik id-diposizzjoni.***
>
> ***(2) Il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 4(3).***

***(3) Il-medjatur għandu jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom għal ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom u d-disposizzjonijiet tar-regolament 4(6) u (7) għandhom japplikawgħall-proċess ta' medjazzjoni.***

***(4) Meta l-partijiet jaslu għal ftehim, dan għandu jiġi reġistrat bil-miktub u jiġi nserit fl-atti tal-proċeduri, li mbagħad għandhom jintbagħtu mill-medjatur lill-Qorti, li għandha kemm-il darba ma jkun hemm xejn kuntrarju għall-ordni pubbliku, tagħti digriet fuqil-kwistjoni.***

***(5) Meta l-partijiet ma jaslux għal ftehim, il-medjatur għandu jinforma lill-Qorti b'dan.***

***(6) Matul il-medjazzjoni kull waħda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti għall-ħruġ ta' kull ordni provviżorju jew il-ħruġ ta' kullatt jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jew tagħha.***

Din il-Qorti semghat lill-attrici tistqarr illi effettivament hi ma kinitx infurmat lill-abbli avukat difensur taghha bil-kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet mill-bidu, u filfatt l-esistenza tal-kuntratt ingabet a konjizzjoni tal-avukat difensur tal-attrici waqt il-medjazzjoni. Illi din il-Qorti hasbet fit-tul ghar-rigward, u filwaqt li taghraf illi l-ittra li permezz taghha inghata bidu ghall-proceduri ta' medjazzjoni, fil-forma u sostanza taghha mhiex mahsuba sabiex titlob li ssir medjazzjoni bit-tir li jigi rivedut kuntratt, il-medjazzjoni effettivament xorta wahda saret. **Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi essenzjalment l-iskop ahhari tal-medjazzjoni huwa li jservi ta' forum fejn il-partijiet jiltaqghu bl-ghan li tigi esplorata soluzzjoni bonarja.** Illi fil-kaz odjern, din l-opportunita' filfatt inghatat b'dana illi kien hemm zewg seduti ta' medjazzjoni kif jidher mill-atti *a fol 74 et seq.* Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tal-intimat ma ssibx sostenn.

***Nuqqas ta' Kompetenza rationae materia*:**

Illi din il-Qorti sejra issa tindirizza l-eccezzjoni tal-intimat u cioe' kompetenza *rationae materia* sabiex tisma' it-tielet talba. Illi t-tielet talba attrici kif dedotta fir-rikors promotur hija s-segwenti:

> ***Tiddikjara*** *li l-konvenut ghandu jirrifondi w b'hekk jillikwida mill-inqas nofs l-ammont tas-somma indikata ta' erba telef hames mija w erbghin Euro w erba w sittin centezmu -* ***€4,540.64*** *– u/jew somma verjuri kif ukoll* **l-infieq addizzjonali** *li gew u qed jigu inkorsi a*

*beneficcju tal-minuri ulied il-partijiet favur l-esponenta ghas-sena **2017** u ghas-sena kurrenti ta' **2018** u dan skond **il-prospett** li ghandu jigi esibit fil-mori tal-kaz;*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tardiva tieghu, il-konvenut jirrileva illi gialadarba it-tielet talba hija purament "*money claim*" ghall-arretrati ta' spejjes tal-edukazzjoni u sahha, dawn ma jaqghux fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, bhala Qorti tal-Familja, izda jaqghu fil-kompteneza tal-Qorti Civili, senjatament il-Prim Awla tal-Qorti Civili, jew il-Qorti tal-Magistrati Malta) jew it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza ***Carmel sive Charles Farrugia vs Mariella Azzopardi*** (Rikors Guramentat 265/2011 MCH) decisa nhar is-6 ta' Ottubru 2011:

***Ir-regolament 4 meta jitkellem dwar il-kompetenza talQorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16). Li jinteressa lil din il-Qorti ghal din il-vertenza hi Titolu I li jitkellem dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, manteniment tal-axxendenti u dixxendenti u separazzjoni personali cioe r-ragunijiet, modalita ta' separazzjoni w effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju inkluz is-successjoni.***

***Inoltre fl-iskeda tal-istess Avviz Legali nsibu klawsola 9 li tghid hekk: 9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti: (a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew (b) manteniment bejn il-konjugi; jew (c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew (d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-sub regolament; dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni. (2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.***

> ***Din il-Qorti hasbet dwar dan fit-tul. Hu minnu illi l-kwistjoni quddiemha jitratta dwar kwistjoni familjari cioe nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti, separati, kif gia inghad b'kuntratt pubbliku. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi kull vertenza semplicement ghax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza specifika limitata u kif kien qabel, hi l-Qorti Civili Prim'Awla li hi vestita bil-kompetenza li tisma' l-kawzi kollha li ma jaqghux fil-parametri specifici tal-Qorti tal-Familja, jew il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Harsa lejn it-talba attrici ma tirrigwardax vertenza ta' separazzjoni in corso li bla dubbju kienet tinkwadra ruhha fil-poteri u mansjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Kaz tipiku gie mistharreg mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Agostino Farrugia vs Salvina Farrugia (9.02.2005).***
>
> ***Il-kaz quddiem din il-Qorti hu differenti. Il-partijiet anzi l-attur mhux qed jittanta jbiddel dak miftiehem bil-kuntratt tas-separazzjoni li illum hu ligi bejn il-partijiet. Mhux jattakka la l-manteniment dovut lil martu jew tal-wlied minuri u anqas il-klawsola fejn hu obbligat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u ancillari kif jirrizulta mill-istess kuntratt. Ma hemm ebda nuqqas ta' qbil kif irid l-artikolu 9 tal-iskeda ghall-Avviz Legali 397/2003 li minnu tohrog il-proposta konsegwenzjali da parti tal-attur li ghandu jigi mibdul jew imnehhi xi vinkolu li ntrabat fih fil-kuntratt ta' separazzjoni.***

Il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri taghha fis-sentenza fl-ismijiet ***Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi*** deciza nhar it-3 ta' Ottubru 2008 mill-**Imhallef Philip Sciberras**, f'cirkostanzi li kienu jittrattaw rimbors da parti ta' wiehed mill-konjugi kontra l-konjugi l-iehor ta' spejjez inkorsi min wiehed mill-konjugi ghal minuri, spejjez kawtelati f'kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konjugi tenniet:

> ***Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li ghandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li ghadha in corso, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta' dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn s-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni***

***intentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza inkorsa. Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l-ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti.***

***Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi Qorti ohra.***

Illi siccome it-talbiet jippresponu varjazzjoni jew kancellament tal-obbligi naxxenti minn kuntratt, il-Qorti tqis li hija moghnija bil-kompetenza *ratione materiae.*

***Pacta Sunt Servanda****:*

In tema legali ghandu jinghad illi galadarba r-rikorrenti qieghda titlob revizjoni tal-manteniment patwit u cioe varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju ***pacta sunt servanda***. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:-

***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi".***

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:

***"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt***

***servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili X Spiteri Staines"). App. Civ. 154/10 20***

Inghad illi:

> ***"..il detto obbligo [di somministrare alimenti] non essendo legale, ma derivante da convenzione , sebbene contrattato fra persone alle quali la legge impone l' obbligo di somministrare gli alimenti, devono essere allo stesso applicate le regole ordinarie dei contratti." [PA Anton Maria Cesareo vs Aetano Cesareo [1880] citata b' approvazzjoni fil-kawza PA Helen Galea vs Carmelo Galea deciza 2.02.1956, u kazistika citata]***
>
> ***L-unici eccezzjonijet ghal dan il-principju jinsabu: [1] fid-dispost ta' l-Artikolu 61 tal-kap.16 relattiv ghal kura u kustodja tal-minuri; u [2] fil-principju nemo ad impossibilia tenur applikat fit-termini ta' l-insenjament tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza Alfred Grech vs Pauline Grech***. (Deciza 16.04.2004.)

Din il-Qorti tosserva illi fil-kaz in kwistjoni il-ftehim li sar bejn il-partijiet ma jikkontempla l-ebda possibilita ta' bidla fl-istess. Illi filfatt hemm specifikat illi l-kuntratt ma jippermetti l-ebda varjazzjoni ghal ebda raguni lanqas jekk tinbidel il-ligi.

Din il-Qorti rat is-sentenzi citati mill-partijiet fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u b'mod partikolari dik citata mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, fejn din il-Qorti kif diversament preseduta f'cirkostanzi simili ta' dawk tal-kaz odjern irriteniet illi:

> ***Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tenut kont tal-fattispecie tal-kaz odjern, li ghandu japplika l-principju pacta sunt servanda. Il-partijiet ma stipulawx li jkun hemm revizzjoni tal-quantum tal-manteniment pattwit jekk jirrizulta zieda fid-dhul tal-konvenut jew zieda fl-ammont ta' spejjez tal-attrici. Sabiex l-azzjoni attrici tkun proponibbli ried ikun hemm fil-ftehim jew kuntratt ta' bejn il-partijiet klawsola li tippermetti zieda fil-manteniment f'kaz li d-dhul tal-konvenut jizdied jew f'kaz li l-ispejjez tal-attrici jizdiedu. Xejn minn dan ma gie pattwit. Lanqas zieda biex tirrifletti l-gholi tal-hajja ma gie miftiehem. Meta si tratta ta' ftehim bonarjament***

***milhuq bejn il-partijiet, il-kompitu tal-organu gudizzjarju huwa li jaghti effett ghall-ftehim u mhux li johloq stipulazzjonijiet godda.***[1]

Illi filwaqt illi huwa principju li kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u li l-massima legali "***pacta sunt servanda***" ghandha tigi segwita, din il-Qorti kif preseduta dejjem irriteniet illi fejn jidhlu kuntratti li jikkoncernaw minuri tali stipulazzjonijiet jistghu, ***f'kazijiet eccezzjonali, jigu emendati jekk l-interess suprem tal-minuri jkun hekk jiddetta.*** Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tichad din l-eccezzjoni.

***Il-Meritu:***

***Revizjoni ta' Manteniment ghal E:***

Illi ciononostante, u filwaqt illi din il-Qorti tqis illi l-attrici hija intitolata li taghmel talba ghar-revizjoni, din il-Qorti rat illi effettivament bint il-partijiet E **illum hija maggiorenni** u bil-hidma taghha irnexxilha tiftah negozju bhala *Beauty Therapist* u ilha hekk registrata bhala self employed mis- **7 ta' Gunju tas-sena 2021** u dana kif jidher mid-dokument a fol 341 tal-atti, liema document kien gie esebit mir-rapprezentant tal-Jobs Plus waqt it-testimonjanza tieghu. Illi ghalhekk l-uniku revizjoni ta' manteniment li huwa necessarju fil-konfront tal-istess huwa ghall-kuntrarju tat-talba attrici u cioe' mhux zieda fil-manteniment izda waqfien tal-manteniment dovut fil-konfront ta' Eliza.

***Revizjoni ta' Manteniment ghall-Iszmael:***

Illi ghalkemm hu rilevat sopra, din il-Qorti dejjem irriteniet illi fejn jidhlu kuntratti li jikkoncernaw minuri tali stipulazzjonijiet jistghu, ***f'kazijiet eccezzjonali, jigu emendati jekk l-interess suprem tal-minuri jkun hekk jiddetta,*** huwa minnu ukoll illi dik il-parti li qieghda titlob tali varjazzjoni trid turi b'mod inekwivoku illi l-bdil fic-cirkostanzi huma eccezzjonali b'dana illi tali cirkostanzi ma setghux jigu facilment prevvisti meta gie konkluz il-kuntratt.

[1] AB vs CB deciza nhar it-30 ta' Mejju 2013 RGM.

**M**ill-ftehim datat 12 ta' Gunju 2008 u awtorizzat mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri anness mar-rikors promotur *a fol 7 et seq* tal-atti, jirrizulta illi l-partijiet, debitament assisti, kienu qablu kif segwenti u cioe:

***2. Il-missier jobbliga ruhhu li jhallas is-somma ta' sebghin ewro (EUR 70) fil-gimgha ghaz-zewg minuri, pagabbli lill-omm bhala manteniment ghat tfal E u I.***

***3. il-partijiet jaqblu li l-manteniment dovut lit-tfal ikun pagabbli kull nhar ta' Gimgha fi flus kontanti.***

***4. il-partijiet jaqblu ukoll l-mantentiment dovut lit-tfal ghandu jibqa' jithallas ghal kull minuri rispettivament ghall-perjodu kollu sakemm:***

***jaghlqu tmintax (18) – il sena; jew***
***jibdew jahdmu***

***skond liema eventwalita tigi l-ewwel. Izda fl-eventwalita li t-tfal wara li jaghlqu t-tmintax –il sena ikomplu jistudjaw, il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakem itemmu l-istudji taghhom.***

***5. il-missier jobbliga ruhhu wkoll li jhallas lill-omm nofs l-ispejjes straordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri u dana wara li tingab prova tal-ammont u n-natura tal-ispejjes involuti purche l-missier ikun ta' l-kunsens tieghu sabiex isir tali spiza salv ghal spejjes li huma fin-natura taghhom necessarji.***

***6. Kwalunkwe beneficcju socjali in konnessjoni mat-tfal, inkluz ic-children's allowance ghandu jkun percepibbli mill-omm;***

***…***

***8. il-komparenti jiddikjaraw li salv l-premess ma fadlilhom ebda dritt u/jew pretensjoni kontra xulxin uu li l-prezenti skrittita ma tistax tigi varjata ghal ebdda raguni preeezistenti jew sopravenjenti inkluz xi bdil fl-istatus civili tal-komparenti, jew xi emendi legislattivi future.***

Illi kif sopra indikat dak il-ftehim gie iffirmat fit-12 ta' Gunju tas-sena 2008, b'dana illi l-proceduri odjerni gew intavolati nhar it-13 ta' Settembru 2018. Illi E fis-sena 2018 kellha erbatax (14)- il sena, filwaqt li I kellu tnax (12) il sena. Illi ghalkemm l-attrici irrlevat illi hija baqghet titrattjeni milli tintavola l-proceduri apposta ghaliex dejjem ittammat li l-partijiet jilhqu xi tip ta' ftehim bonarju, jidher illi kien hemm zewg tenattivi ohra da parti tal-attrici fis-sena 2011, u fis-sena 2012 u cioe circa tliet (3)/erba' (4) snin wara l-iffirmar tal-kuntratt, fejn fethet zewg medjazzjonijiet. (**Vide dok a fol 67)**

Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' t-testimonjanza tal-partijiet *viva voce*, u anke hadet konjizzjoni ta' dak rilevat mill-partijiet fl-affidavits taghhom, u kif ukoll tad-dokumentazzjoni esebita b'mod partikolari mill-attrici.

Illi f'dana l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghal decisjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) deciza nhar l-10 ta' Novembru 2022, fl-ismijiet: ***George Sciluna vs Sonya Zammit.*** Illi l-Qorti tal-Appell tenniet kif segwenti:

> ***Il-fatt li l-partijiet ikunu ftehmu manteniment għat-tfal f'kuntratt bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ma jfissirx li dak miftiehem ma jistax jinbidel b'ordni ta' Qorti f'ċertu każijiet… [enfazi ta' din il-Qorti.]***
>
> **…**
>
> ***Madankollu fit-tieni kuntratt pubblikat fl-1 ta' Ottubru 2015 l-attur ma kellu l-ebda diffikulta` li tissemma ċifra dwar il-manteniment li qed titħallas il-konvenuta. F'dak il-kuntratt il-partijiet ma semmewx li l-manteniment għandu jiżdied kull tant żmien. Dan minkejja li jidher li kien assistit minn avukat u kien prevedibbli li l-ħajja ser tkompli togħla u l-bżonnijiet tat-tfal jiżdiedu. Dak iż-żmien Martina kienet ser tagħlaq 18-il sena filwaqt li Michele kellu 14-il sena. Każijiet bħal dawn jiġru mhux għaliex kien hemm xi tibdil sinifikanti fiċ-ċirkostanzi iżda għaliex meta jsiru dawk it-tip ta' kuntratti l-partijiet ma jqisux kif jistgħu jinbidlu l-affarijiet matul is-snin. Hu ovvju li bżonnijiet ta' tifel ta' 14-il sena ma jibqgħux l-istess meta t-tifel jagħlaq 18-il sena u jibda jistudja l-Universita. [Enfazi ta' din il-Qorti.]***
>
> …

> ***Wara li l-Qorti qrat l-atti mhijiex tal-fehma li kien hemm xi tibdil tali fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifika tibdil fil-manteniment miftiehem. Il-provi juru li l-konvenuta baqgħet u għadha tikkontribwixxi u ma kienx hemm xi ġrajja partikolari li teħtieġ li jinbidel dak li l-partijiet iffirmaw għalih bl-ewwel kuntratt (17 ta' Jannar 2003) u t-tieni kuntratt (1 ta' Ottubru 2015). L-għoli tal-ħajja u l-fatt li llum il-konvenuta qiegħda tikkontribwixxi għal tifel wieħed biss, kienu prevedibbli meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt.***

Illi din il-Qorti tabbracja pjenjament il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Appell fid-decisjoni su citat u tapplika tali konsiderazzjonijiet ghal kaz odjern. Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem illi wara snin ta' dizgwidi, u dilungar, il-partijiet ikunu herqana sabiex jiffirmaw il-kuntratt li jirregola l-kura, kustodja, l-access u l-manteniment tal-ulied, biex hekk kull parti tkun tista tkompli timxi ' l quddiem, taghraf illi f'certu kazijiet certu kuntratti jigi ffirmati minghajr wisq hsieb. Illi filwaqt li l-ammont ta' EUR 140 kull erba' gimghat ghal kull wild, setgha possibbilment jigi meqjus li kien manteniment gust fis-sena 2008, din il-Qorti tirritjeni illi l-partijiet, b'mod partikolari l-omm, li kienet diga' qieghda tiehu hsieb l-ispejjes gornarjeli tal-minuri, setghet facilment tipprevedi illi iktar ma jikbru t-tfal aktar ser jizdiedu l-ispejjes u aktar ser tgholha l-hajja.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-lista tal-ispejjes inkorsi mill-attrici tul dawn l-ahhar snin, u kif ukoll rat ir-ricevuti esebiti mill-istess attrici, u taghraf illi dawna l-ispejjes huma spejjes ta' certu entita li jinkludi spejjes relatati ma' privatijiet, attivitajiet extra-kurrikulari, stationery ghall-iskola, uniformijiet etc.  ghall-liema spejjez l-intimat kien tenut ihallas is-sehem tieghu.

Illi di piu', din il-Qorti rat illi kif irrizulta mix-xhieda ta' Juliet Galea, li xehdet nhar it 2 ta' Gunju 2022 (vide fol 347 et seq) kienet spjegat illi sakemm I kien ghadu s-sekondarja, kien diga' qieghed fi program fejn kien qieghed jigi mharreg fuq hiliet prattici bl-intendiment li wara l-iskola il-minuri jkun jista' jsib xoghol bhala *mechanic* jew simili. Illi effetivament ma giet esebita l-ebda prova da parti entrambi l-partijiet li bxi mod jindika jekk il-minuri Izamel li ghad ghandu sbatax (17) – il sena huwiex jahdem fuq bazi full time jew jekk ghadux taht xi forma ta' apprentistat taht is-supervizjoni ta' xi istitut edukattiv post sekondarju. Illi din il-Qorti rat illi l-minuri jilhaq l-eta ta' maggiorenni fl-10 ta' Frar tas-sena 2024, u cioe circa erba' xhur ohra. **Illi din il-Qorti rat ukoll illi l-intimat baqa' jivversa l-manteniment dovut ghal E minkejja li hija maggiorenni**. Illi ghalkemm E bdiet tahdem fuq bazi full-time mis-**7 ta' Gunju tas-sena 2021**, l-intimat xorta wahda baqa' jivversa manteniment ghal E, b'dana illi l-attrici ghalhekk ippercepiet l-ammont ta'

EUR 3920[2] "over and above" l-ammont ta' manteniment dovut ghall-Izamel. Illi l-attrici qed tippretendi wkoll nofs is-somma tal-ispejjez inkorsi minnha ghas-sahha u edukazzjoni taz-zewgt itfal fis-somma ta' 4,540.64 Ewro u cioe is-sehem tal-intimat minn din is-somma huwa ta' 2,270.32 Ewro (4,540.64÷2). Illi di piu' l-attrici tilmenta illi l-intimat ghamel zmien ihallasha 250 Ewros fix-xahar minflok 280 Ewros u dan minn Jannar 2017 sa Ottubru 2018 hekk kif gie notifikat b'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant l-intimat kien f'arretrati ta 30 Ewros x 22 xahar cioe' 660 Ewros.

Dan ifisser illi l-intimat huwa tenut li jakkorda:

| | |
|---|---|
| 2,270.32 Ewro | u cioe' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni (4,540.64÷2). |
| 660 Ewros | u cioe' f'arretrati ta 30 Ewros x 22 xahar |
| 2,930.32 Ewros | Total |

Dan l-ammont dovut mill-intimat ghandu jitnaqqas mill-*overpayment* ta'manteniment li gja hallas l-intimat ghas-snin illi fihom kienet diga' qed tahdem it-tifla E. U cioe'
Ewros 3,920 – Ewros 2,930.32 u cioe' 989.68 Ewros u dan fi hlas zejjed ta' manteniment.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet preliminari eccepieti mill-intimat fir-risposta guramentata tieghu:**

1. **Tiddikjara illi l-attrici hija intitolata li titlob revizjoni tal-istipulazzjonijiet kuntrattwali maghmula fil-ftehim ta' Gunju 2008, u tilqa' limitatament ir-revizjoni tal-manteniment dovut;**
2. **Tilqa' limitatament it-tieni talba attrici u tiffissa l-manteniment ghal I fis-somma ta' 280 Ewros fix-xahar liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, liema somma togholha skont l-indici tal-gholi tal-hajja;**
3. **Tichad it-tielet talba ghar-ragunijiet sopra indikati;**
4. **Tilqa' limitatament ir-raba talba skont id-decide Numru 2;**

[2] 7 Gunju 2021 sa 7 Gunju 2022 – EUR 140 x 12 xahar = EUR 1,680.

8 Gunju 2022 sa 7 ta' Gunju 2023 – EUR 140 x 12 xahar = EUR 1,680.

8 ta' Gunju 2023 sa 7 ta' Ottubru 2023- EUR 140 x 4 xahar = EUR 560 – TOTAL 3,920

**Bl-ispejjes ghandhom ikunu divizi ugwalment bejn il-partijiet.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**